

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1936**tat-13 ta' Ottubru 2022**

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/1542 li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1542 tal-15 ta' Ottubru 2018 li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2018/1542.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2018/1542, il-Kunsill irreveda l-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2 kif stabbilita fl-Anness I għal dak ir-Regolament. Jenħtieġ li tiġi aġġornata entrata waħda f'dik il-lista.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-13 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Kunsill
Il-President
P. BLAŽEK*

¹) ĠU L 259, 16.10.2018, p. 12.

ANNESS

L-entrata Nru 12 fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2, kif stabbilita fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542, taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi", hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

	Isem	Informazzjoni dwar l-identità	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
"12.	Sergei Ivanovich MENYAILO (Сергей Иванович МЕНЯЙЛО)	Sess: raġel; Data tat-tweliż: 22 ta' Awwissu 1960; Post tat-tweliż: Alagir; Nazzjonalietà: Russa; Titlu: Kap tal-Ossezja tat-Tramuntana-Alania.	<p>Sergei Menyailo huwa l-Kap tal-Ossezja tat-Tramuntana-Alania. Huwa kien Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali Siberjan bejn l-2016 u April 2021. F'dik il-kapaċċità, huwa kien responsabbi għall-iż-żgħix-ixx tal-implementazzjoni tas-setgħat kostituzzjonal tal-President, inkluż l-implementazzjoni tal-politika interna u barranja tal-Istat. Sergei Menyailo kien membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa sa Awwissu 2021.</p> <p>Alexei Navalny kien fil-mira ta' intimidazzjoni u repressjoni sistematiċi minn atturi ġudizzjarji u tal-Istat fil-Federazzjoni Russa minħabba r-rwol prominenti tiegħu fl-oppożizzjoni politika.</p> <p>L-aktivitajiet ta' Alexei Navalny kienu mmonitorjati mill-qrib mill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa matul il-vjaġġ tiegħu lejn is-Siberja f'Awwissu 2020. Fl-20 ta' Awwissu 2020, huwa marad serjament u ddahħhal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttieħed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franzia u l-Iż-zeja, li Alexei Navalny għie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa. Fdawk iċ-ċirkostanzi, huwa ragħonevoli li wieħed jikkonkludi li l-avvelenament ta' Alexei Navalny kien possibbli biss bil-kunsens tal-Uffiċċju Eżekutiv Presidenzjali.</p> <p>Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli bħala l-eks rappreżentant ta' dak l-Uffiċċju fid-Distrett Federali tas-Siberja, Sergei Menyailo huwa għalhekk responsabbi li instiga u appoggia lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelenament ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li jirrapreżenta użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	15.10.2020"